**12 ta' Diċembru, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Anthony Troisi

**Ksur ta' drittijiet ta' l-awtur - Bejgħ ta' oġġett ffalsifikat**

*Il-qerq b'min jixtri, jew b'dak li lilu jiġi offrut l-oġġett in kwistjoni, mhuwiex rekwiżit tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 298B (1) tal-Kodiċi Kriminali. Il-kwalita` tar-riproduzzjoni jew imitazzjoni*

*hija rrilevanti. Jista' jaghti l-każ li min jixtri jkun jaf ben tajjeb li l-oġġett ikun kopja illeċita, kif hu maghruf li kultant jew ta' spiss jiġri. F'dan il-każ ir-reat in kwistjoni jiġi kommess xorta wahda.*

*Min jikkommetti r-reat in kwistjoni, jiġifieri jbiegh oġġett bi ksur taddritt ta' l-awtur, fl-istess hin bl-istess att jikkommetti ukoll iddelitt li xjentement jaghmel użu, ċjoe' jbigh, l-oġġett iffalsifikat. Fil-każ tat-tieni delitt hawn imsemmi, ċjoe' l-bejgh ta' oġġett iffalsifikat. Fil-każ tat-tieni delitt hawn imsemmi, ċjoe' l-bejgh ta' oġġett falsifikat, il-liġi trid tipproteġi lix-xerrej u ghalhekk il-kapaċita' li jqarraq hija kkonsidrata bhala element essenzjali tad-delitt. Allura jekk il-fasifikazzjoni tkun grossolana ma jkunx jissussisti d-delitt ta' falsifikazzjoni. Fil-każ ta' l-ewwel delitt,.. dak in kwistjoni, il-liġi trid tipproteġi lill-awtur u ghalhekk il-kwalita' ta' l-imitazzjoni hija rrilevanti.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza tal-5 ta' Frar, 1997 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet lill-imputat hati li f'dawn il-Gżejjer u ċjoe' fis-suq tal-Belt, Valletta, ċjoe' il-Monti, Valletta, fis-27 ta' Lulju, 1994 u fil-jiem ta' qabel din id-data ghall-habta tal-11.00 a.m. u s-sighat ta' qabel, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew maghmulha b'risoluzzjoni wahda;

Bi qligh jew bi skop ta' kummerċ, stampa, immanifattura, iddupplika jew mod iehor ipproduċa jew ikkopja jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haġa ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorġu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-liġi ta' *Malta jew tahtha u dan bi ksur ta' l-artikolu 298B tal-Kapitolu 9* tal-Liġijiet ta' Malta;

Fl-istess data, hin u lok bi qligh jew bi skop ta' kummerċ, stampa, immanifattura, iddupplika jew mod iehor ipproduċa jew ikkopja jew biegh jew qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam minn post jew minn ġewwa post kopert b'liċenzja jew bhala parti minn attivita' koperta b'tali liċenzja xi artikolu jew xi haġa ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorġu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-liġi ta' Malta jew tahtha u dan bi ksur ta' l-Avviż Legali 120/92; u

Fis-27 ta' Lulju, 1994 fil-Monti, il-Belt Valletta u ċjoe' fis-Suq tal-Belt Valletta, fi Triq il-Merkanti, kiser il-kundizzjonijiet tal-liċenzja lilu moghtija mill-Kummissarju tal-Pulizija u ghaldaqstant ġie meqjus li eżerċita l-mistier ta' bejjiegh fiss f'post numru 86, minghajr liċenzja mill-Kummissaru tal-Pulizija u dan bi ksur ta' l-artikolu 181 (1) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ikkundannatu tlett elef lira Maltija multa u sena priġunerija sospiża ghal erba' snin fit-termini ta' l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u ordnat il-konfiska tal-*video casettes* kollha esebiti (dokument X);

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-imputat talab li din il-Qorti tirrevoka dik is-sentenza u tilliberah mill-htija u piena, jew tirriduċilu l-piena inflitta;

Rat l-atti l-ohrajn u ttrattat l-appell tikkunsidra illi:

Il-fatti fil-qosor huma li l-imputat appellant mill-*istall* tieghu fis-suq tal-Monti l-Belt Valletta biegh u offra ghall-bejgh numru ta' *video cassettes* li ma kinux oriġinali iżda kopji u dan minghajr il-permess ta' l-awtur;

L-ewwel aggravju ta' l-appellant jikkonsisti filli, kif jghid

hu, l-*cassettes* in kwistjoni kienu ta' kwalita' ħażina u jilmenta li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx biżżejjed fir-reqqa l-argumenti ssollevati minnu fin-nota ta' osservazzjonijiet li ppreżenta fl-ewwel istanza. Permezz ta' din in-nota l-appellant jissottometti li l-*videos* kienu hekk grossolanament koroh li persuna ta' intelliġenza normali żgur li ma kinitx tixtrihom;

Kuntrarjament għal din il-lamentela, l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha ttrattat suffiċjentement il-meritu ta' l-aggravju in eżami. Di fatti fir-rigward qalet:

"... kuntrarjament għal dak li ssottomettiet id-difiża, ir-reat jew reati li huwa akkużat bihom l-imputat mhumiex dawk ta' frodi jew falsifikazzjoni, iżda dawk li jittrattaw dwar il-jeddijiet ta' l-awtur, ċjoe' il-liġi tal-*copyright*. Mhix kwistjoni jekk l-imputat biex iffalsifika jew le dawk il-*videos* jew li l-kwalita' inferjuri tagħhom tant kienet grossolana li allura jista' jagħti l-każ li ma hemmx falsifikazzjoni. Dawn huma reati oħra u separati u l-imputat mhux addebitat bihom. Il-prinċipju li l-ikkupjar għandu jkun tajjeb lanqas ma japplika f'dan il-każ. Li jgħodd huwa sempliċement il-fatt li sar ikkupjar ta' xi ħaġa protetta mil-liġi tal-*copyright* mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' l-awtur, anke jekk dak l-ikkupjar huwa medjokri jew inferjuri. L-artikolu 298B tal-Kodiċi Kriminali li taħtu l-imputat jinsab akkużat ma jistipulax bħala element rikjest illi l-ikkupjar ikun ta' kwalita' tajba. Dan l-artikolu jitkellem biss fuq l-ikkupjar mingħajr awtorizzazzjoni ta' l-awtur ta' xogħlijiet tiegħu, liema xogħlijiet hekk ikkupjati jew riprodotti jkunu offruti għal bejgħ b'skop ta' qligħ jew kummerċ minn post tan-negozju. Dawn biss huma r-rekwiżiti u kollha kemm huma jirriżultaw fil-każ odjern";

Fil-bran hawn fuq ċitat mis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ttrattat is-sottomissjoni magħmula mill-appellant bin-nota

tiegħu u rriġettat l-argument relattiv tiegħu;

Din il-Qorti ta' l-Appell tikkondividi dak kollu li qalet l-Ewwel Qorti fir-rigward. Ir-reat li tiegħu ġie misjub ħati l-appellant mill-Ewwel Qorti huwa dak ikkontemplat fl-artikolu 298B (1) tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-artikolu safejn jirrigwarda l-każ preżenti jgħid li jkun ħati tar-reat in kwistjoni:

"Kull min għall-qligħ jew bi skop ta' kummerċ ... ibigħ, iqassam jew mod ieħor joffri għall-bejgħ jew biex jitqassam xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna oħra u protetti bil-liġi ta' Malta jew taħtha ...";

Il-qerq b'min jixtri, jew b'dak li lilu jiġi offrut l-oġġett in kwistjoni mhuwiex rekwiżit tar-reat *de quo*. Il-kwalita' tar-riproduzzjoni jew imitazzjoni hija rrilevanti. Jista' jagħti l-każ li min jixtri jkun jaf ben tajjeb li l-oġġett ikun kopja illeċita kif hu magħruf li kultant jew ta' spiss jiġri. F'dan il-każ ir-reat in kwistjoni jiġi kommess xorta waħda;

Fir-rikors tiegħu ta' l-appell dejjem a propożitu ta' l-ewwel aggravju in eżami, l-appellant jissottometti li "l-liġi nostrali ssegwi d-duttrina ta' l-unifikazzjoni tal-prinċipji legali f'kull parti tal-liġi. Issa r-riproduzzjoni fil-kamp tal-protezzjoni tad-dritt ta' l-awtur hija mmexxija mill-prinċipji applikabbli fil-falsifikazzjoni. Għax hawn għandna xi ħaġa li qiegħda tippreżenta ruħha bħala xi ħaġa li mhix";

Jiġi rrilevat li jista' jiġri li min jikkommetti r-reat in kwistjoni, jiġifieri jbigħ oġġett bi ksur tad-dritt ta' l-awtur, fl-istess ħin bl-istess att jikkommetti ukoll id-delitt li xjentement jagħmel użu, ċjoe' jbigħ l-oġġett iffalsifikat. Fil-każ tat-tieni delitt hawn imsemmi ċjoe' l-bejgħ ta' oġġett falsifikat il-liġi trid

tipproteġi lix-xerrej u għalhekk il-kapaċita' li jqarraq hija kkonsidrata bħala element essenzjali tad-delitt. Allura jekk il-falsifikazzjoni tkun grossolana ma jkunx jissussisti d-delitt tal-falsifikazzjoni. Fil-każ ta' l-ewwel delitt, dak in kwistjoni, il-liġi trid tipproteġi lill-awtur u għalhekk il-kwalita' ta' l-imitazzjoni hija rrilevanti. Għalhekk l-ewwel aggravju mhux issostanzjat;

It-tieni aggravju ta' l-appellant huwa li l-prokuri prodotti ma kinux awtentikati kif titlob il-liġi. B'hekk ovvjament l-appellant qiegħed jimplika li l-azzjoni odjerna hija nulla billi ġiet istitwita fuq kwerela nulla. Il-prokuri li għalihom qiegħed jirreferixxi l-appellant huma dawk esebiti fid-dokument MG f'paġna 39 tal-proċess. Dan id-dokument jikkonsisti f'numru ta' atti notarili li bihom ġew transuntati numru ta' prokuri li permezz tagħhom diversi stabbilimenti fl-Istati Uniti ta' l-Amerika awtorizzaw lill-Avukat Dottor Patrick Galea biex jinizja proċeduri f'isimhom. Ir-rilevanza ta' dawn il-prokuri temerġi mill-fatt li proċedimenti relattivi għar-reat odjern ma jistgħux jiġu meħudin ħlief bil-kwerela tal-parti offiża (artikolu 298B (2)). Fil-każ preżenti l-partijiet offiżi huma kollha l-istabbilimenti esteri fuq imsemmijin u l-proċeduri ġew inizjati fuq il-kwerela ta' l-imsemmi Dottor Galea f'isem dawk l-istabbililmenti;

L-artikolu 628 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili applikabbli għall-proċedimenti kriminali bl-artikolu 520 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li huma ammissibbli bħala prova:

"L-atti ta' Gvern barrani jew ta' dipartiment ta' Gvern barrani jew ta' qrati ta' ġustizzja barranin jew ta' stabbilimenti barranina, awtentikati mir-rappreżentant diplomatiku jew konsolari tal-Gvern ta' Malta, fil-pajjiż li fih ikunu ħarġu, jew minn persuna li tkun qed isservi f'servizz diplomatiku,

konsolari jew f'xi servizz ieħor barrani ta' xi pajjiż li b'arranġament tal-Gvern ta' Malta jkun qed jirrappreżenta l-interessi ta' dan il-Gvern f'dak il-pajjiż, jew minn awtorita` oħra kompetenti, fil-pajjiż li fih ikunu ħarġu ...";

Ebda waħda mill-prokuri fuq imsemmijin ma tidher li ġiet awtentikata minn xi rappreżentant diplomatiku indikat fl-artikolu fuq ċitat. Il-prokuri jidher pero` li ġew awtentikati mid-*Deputy Secretary of State, State of California*. Dan forsi huwa "l-awtorita` oħra kompetenti" indikata fl-istess artikolu;

Fi kwalunkwe każ, bil-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali u ta' l-appellant il-każ preżenti ġie ttrattat bi proċedura sommarja ċjoe` fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Issa l-artikolu 373 tal-Kodiċi Kriminali safejn jirrigwarda l-aggravju in eżami, jgħid hekk:

"Fir-reati ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati ... meta r-reat li għalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bil-kwerela ta' l-offiż ... l-offiż ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali u ma jkunx irrinunzja espressament għaliha fi żmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat. Il-Pulizija Esekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni *ex officio* dwar dak ir-reat";

Għalhekk, jekk il-prokuri msemmijin huma nulli, kif qiegħed jissottometti li huma l-appellant, allura jiġi li l-partijiet offiżi ma jkunux għamlu kwerela. Biss lanqas ma jirriżulta li dawn il-partijiet irrinunzjaw espressament għall-azzjoni kriminali. Għalhekk l-azzjoni odjerna saret validament in virtu ta' l-artikolu 373 hawn fuq ċitat, b'mod li lanqas it-tieni aggravju ta' l-appellant mhu sostenibbli;

Fl-aħħarnett l-appellant jilmenta li l-piena inflitta fis-sentenza appellata hija qawwija ħafna. Din il-Qorti, wara li

kkunsidrat iċ-ċirkostanzi, ma ssib ebda raġuni li għaliha għandha tvarja l-piena applikata mill-Ewwel Qorti;

Għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li l-perijodu operattiv stabbilit f'dik is-sentenza skond l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali għandu jibda jiddekorri mil-lum. Dan ġie spjegat bi kliem ċar minn din il-Qorti lill-appellant.